SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 40/K9/22

Data tal-laqgħa: 17 ta' Frar 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Skrivana
Anthony Chircop – President Regjun Lvant
Jeanette Galea – Segretarju Ezekuttiv Regjun Lvant

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

40.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

40.1.02 Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex jiġu milqugħa fil-laqgħa tal-Kunsill, il-President tar-Reġjun Lvant is-Sur Anthony Chircop kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Jeanette Galea. Iċ-Ċermen ta merħba u introduċa lill-kunsilliera mas-Sur Chircop. Is-Sur Chircop irringrazzja lill-Kunsill li aċċetta l-istedina tiegħu sabiex jattendi għal-laqgħa. Huwa spjega li dawn il-laqgħat qed isiru mal-Kunsilli rispettivi sabiex ikunu lok biex flimkien ikunu hemm sinerġija kontinkwa bejn il-Kunsill u r-Reġjun u mhux għal poter u responsabbilta'. Huwa spjega wkoll li ser ikun viċin il-Kunsilli li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun, u fejn ser ikun hemm bżonn xi tip ta' għajnuna din ser tkun qed tiġi offruta min-naħa tagħhom. Iċ-Ċermen spjega li qed ikollna ċertu sitwazzjonijiet fejn qed nagħmlu proġetti li ma' niġbrux il-100% tal-fondi imma 70%. Aparti t-30% diskrepanza li jinħarġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill, fosthom l-ispejjez tal-Perit li jkun ammont sostanzjali.

40.1.03 Is-Sur Chircop spjega dwar il-ġbir ta' l-iskart, fejn dan ser ikun qiegħed jittieħed fir-responsabbilta' tar-Reġjun Lvant. Aktar dettalji ser ikunu qed jingħataw maż-żmien min-naħa tagħhom.

40.1.04 Is-Sur Chircop spjega wkoll it-tender tad-dawl tat-toroq li dan għadhom bil-kuntratt antik tal-Joint Committee. Huwa spjega wkoll li bħalissa għaddejin taħdidiet ma' l-Enemalta sabiex jibda t-tibdil tal-bozoz għas-sistema ta' LED's iżda s'issa għad m'għandhomx informazzjoni minn liema lokalitajiet dan ser jibda jsir.

**40.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.01 Id-Deputat Segretarju ressqet il-Minuti 39/K9/21 għall-approvazzjoni.

40.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir korrezzjoni dwar il-ħin ta' l-għeluq tal-laqgħa preċidenti minħabba li l-laqgħa spiċċat fis-6.00p.m. u mhux fit-8.00p.m. Il-Kunsill qabel.

40.2.03 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li f'item 39.3.04.01 jiżdied il-kliem li din ser tkun qed tapplika ukoll għal kull ħaddiem ieħor.

40.2.04 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula talab li ssir korrezzjoni tal-kelma silenzja u ssir silenzju. Din qed tirreferi għal-item 39.1.

40.2.03 Wara diskussjoni qasira u l-korrezzjonijiet li saru, l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

40.2.04 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaħ fl-approvazzjoni.

40.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

40.2.06 Ma kienx hemm punti mqajjma.

**40.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

40.3.01 Iċ-Ċermen spjega li saret il-plakka sabiex il-board room tal-Kunsill tiġi msemmija għal-mibki Paul Spiteri, u sar ir-ritratt ta' l-istess Segretarju biex jitwaħħal fl-istess kamra. Fakkar ukoll dwar il-quddiesa li ser tkun qed issir għar-ruħ Paul Spiteri mill-għeluq ta' xahar mill-mewt tiegħu. Din ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fis-6.30p.m. ġewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Ġiljan.

40.3.02 Iċ-Ċermen spjega li f'dan ix-xahar sibna diversi diffikultajiet speċjalment sabiex sar it-tibdil tal-firem mal-banek. Huwa spjega wkoll li għalissa ser ikun hemm daqsxejn ta' limitazzjonijiet sabiex isir dan it-tibdil. Huwa spjega wkoll li sabiex jiġi iffaċilitat il-proċess ta' kif jinħarġu l-pagamenti fil-preżent ser inkunu qed nkomplu il-proċess biex il-pagamenti jibdew jingħataw permess ta' l-*online banking.*

40.3.03 Iċ-Ċermen spjega li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa mal-accountant tal-Kunsill, fejn ingħata rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja preżenti. Huwa spjega li qed noħorġu aktar flus milli nirċievu, dan minħabba li ma kienx qed ikun hemm *follow up* biżżejjed dwar dak li l-Kunsill huwa dovut. Ġie ssuġġerit ukoll biex isir limitazzjoni fil-ħruġ tal-pagamenti fix-xahar. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li jitħalla ammont fix-xahar bħala riżerva.

40.3.04 Iċ-Ċermen spjega li kien hemm kuntratt mal-persuna li tieħu ħsieb il-blue bins tal-ħwejjeġ iżda dan qatt ma ġie iffirmat. F'dan il-kuntratt, kien hemm miktub li l-kuntrattur għandu jħallas lill-Kunsill sabiex ippoġġi dawn il-bins fil-lokalita'.

40.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kien hemm żewġ skemi li applikajna għalihom. Dawn kienu dwar Community Worker kif ukoll dwar

attivitajiet kulturali. Dawn kellna napplikaw għalihom minħabba li kienet għalqet l-applikazzjoni iżda ġibna estensjoni tagħhom.

40.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet ġewwa Triq il-Kbira reġgħu tkomplew min-nhar it-Tnejn li għadda 14 ta' Frar 2022.

40.3.05 Iċ-Ċermen spjega li x-xogħolijiet fi Ġnien Saver Żarb bdew u li l-fondi ser ikunu qed jiġu minn tlett entitajiet li huma l-LESA, Urban Development Funds u Ambjent Malta.

40.3.06 Fir-rigward il-proġett ta' Spinola, iċ-Ċermen spjega li rċivejna r-rapport min-naħa tal-MCCAA fejn hemm affarijiet li jridu jiġu rranġati sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-fondi. Fil-ġnien hemm ukoll funtani li preżentament ma jaħdmux, min-naħa tal-Malta Tourism Authority ser ikunu qed jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dawn jiġu rranġati.

40.3.07 Iċ-Ċermen spjega li ser inkunu qed nirċievu ħames mitt pjanta min-naħa tal-Malta Tourism Authority. Dawn ser jiġu mħawwla fil-promenade. Il-Kunsillier Guido Dalli issuġġerixxa li qabel ma tiġi rranġata s-sistema tal-irrigazzjoni dawn il-pjanti ser jibqgħu jmutu. Min-naħa tal-Malta Tourism Authority ser ikunu qed jagħmlu xi manutenzjoni ieħor fil-promenade fejn il-materjal ser ikun qiegħed jiġi pprovdut mill-Kunsill.

40.3.08 Il-Kunsill bħalissa għaddej bix-xogħolijiet ta' resurfacing u tibdil ta' bankini ġewwa Triq Lapsi. Saret ukoll talba lill-Infrastructure Malta sabiex wara li jitlestew dawn ix-xogħolijiet isir resurfacing ta' Telgħet Birkirkara inkluż il-bankini. Dawn ser ikunu qed isiru għas-spejjez ta' Infrastructure Malta. Iċ-Ċermen talab ukoll lill-Infrastructure Malta sabiex isir ukoll resurfacing ta' dawn it-toroq: Triq Birkirkara, Triq l-Arċisqof Romero u Sqaq is-Siġra, iżda s'issa għad m'għandniex risposta. Il-Kunsillier Martin Sultana ssuġġerixa li sakemm ikunu qed isiru xogħolijiet f'diversi toroq jitneħħa ċertu parkeġġ fil-kantunieri sabiex tkun aktar faċli biex jgħaddi t-Trasport Pubbliku. Iċ-Ċermen spjega wkoll li l-part minn Dalli's Butcher l-isfel (lejn Villa Anna Theresa), din mhux ser tkun qed issir riċenti minħabba żvilluppi li għaddejin fil-madwar aparti l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill m'hijiex stabbli għal dan il-proġett.

40.3.09 Saret zebra crossing quddiem il-Mcdonalds fi Triq San Ġorġ sabiex tiffaċilita' aktar għal minn ikun qed jaqsam minn din iż-żona. Il-Viċi Sindku ssuġġerrixa li għandu jsir dawl addekwat kif ukoll tabelli li jindikaw li ġejja zebra crossing.

40.3.10 Saret riferenza għar-rinovazzjoni tal-funtana taż-żwiemel, l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu u t-tisbieħ tal-madwar, fejn iċ-Ċermen spjega li

dan ix-xogħol kellu jiġi sospiż minħabba li l-persuni ikkonċernati kellhom inċident.

40.3.11 Iċ-Ċermen spjega li fil-village core ta' San Ġiljan, ser isiru tabelli sabiex trakkijiet ikbar minn 5 tunellaġġi ma jkunux jistgħu jgħaddu minn din iż-żona. Dan minħabba li saru xi ħsarat. Ser ikunu qed isiru wkoll bollards sabiex ma jsirx ħsara lit-taraġ tal-Knisja.

40.3.12 Iċ-Ċermen spjega dwar id-depożitu li kien qiegħed jinżamm mill-Kunsill dwar il-makkinarji. Huwa spjega li dan l-ammont (ta' €200) ser jinżamm biss għall-xogħolijiet ta' kostruzzjoni u użu ta' makkinarji kbar, filwaqt li għall-użu ta' Lifters u xogħolijiet oħra mhux relatati ma' kostruzzjoni ser ikun qiegħed jiġi ridott għall-€50 minflok €200. Il-Kunsillier Guido Dalli ssuġġerixa sabiex it-termini u kundizzjonijiet li hemm fil-preżent dwar permessi jiġu ssimplifikati. Iċ-Ċermen infurmaħ li qed jaħdem fuqha u sa laqgħa oħra ser ikunu qiegħed jagħti spjegazzjoni aħjar.

40.3.13 Saret laqgħa ma' Street Naming Committee dwar toroq li ser ikunu qed jingħataw isem ieħor fosthom Taraġ Lapsi, Triq Mons. Guido Calleja, Bjar Napuljun u Pjazza Rogazzjoni.

40.3.14 Id-Deputat Segretarju spjegat li ser tingħata estensjoni għall-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart kif ukoll għal vann tal-Kunsill minħabba li dawn it-tenders skadew.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

40.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa sabiex tinżabar siġra f'nofs tat-taraġ li hemm int u nieżla għal Xatt ta' Spinola. Iċ-Ċermen infurmaħ li ntbagħatet ittra lis-sidien ta' dan il-post fir-rigward il-periklu li hemm.

40.4.02 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar id-double yellow lines li tneħħa fi Triq Mikiel Anġ Borġ quddiem Wellbee's, huwa ġie nfurmat li f' Ottubru 2021 kien hemm talba sabiex jitneħħa parti mid-double line u jsiru tlett parking bays għall-anzjani. Huwa spjega wkoll li għad hemm id-double yellow line jidher fuq il-parking spaces li ġew miżbugħa. Huwa spjega wkoll li quddiem ir-Ryan's Pub fi Triq Wied Għomor hemm żewġ gutters li qegħdin hemmhekk pero' m'għandhom l-ebda użu minħabba li l-ilma joħroġ minnhom u jerġa' jispiċċa fit-triq.

40.4.03 Il-Kunsillier John Agius spjega li żmien ilu kellha ssir applikazzjoni sabiex issir bus stop. Għaldaqstant huwa talab li din it-talba terġa ssir.

40.4.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet li kien hemm librerija li kienet tintuża qabel fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Hija staqsiet jekk hux possibli li din terġa tinfetaħ. Iċ-Ċermen infurmaħa li ser ikun qiegħed jitkellem mas-Sacred Heart. Hija talbet ukoll li hemm bżonn aktar ta' patrol ta' l-community officers fi Triq Bonavita. Iċ-Ċermen spjega li darba fix-xahar qed issir laqgħa ta' updates mal-*community officers*. Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li għal dawn il-laqgħat jibda jkun preżenti għal din il-laqgħa peress li din taqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

40.4.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar siġra li hemm fi Triq San Ġorġ mal-Kappella li hemm quddiem Café Cuba. Dan sabiex tinżabar iżda kienet għadha ma saritx. Iċ-Ċermen spjega li huwa kien diġa' kellem lill-persuna ikkonċernata u li kien ser jerġa jkellmu. Huwa staqsa wkoll dwar email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Philip Schembri dwar Health & Safety course. Huwa ġie nfurmat li ser inkunu qed naraw l-email tiegħu u nagħmlu laqgħa miegħu.

40.4.06 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt dwar numru kbir ta' qtugħ ta' bozoz fil-lokalita'. Huwa spjega li dawn qed jieħdu żmien twil sabiex dawn jiġu rranġati. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat is-sistema ta' l-Enemalta li hija diffiċli ħafna minħabba li trid tindika eżatt fejn hi l-bozza u ħafna mid-drabi tkun diffiċli ħafna sabiex tindika l-post eżatt fejn tkun qeda l-bozza rrapurtata.

## 40.4 Quarterly Reports – Marzu 2021 u Ġunju 2021

40.4.01 Iċ-Ċermen spjega li bħalissa qegħdin fil-fażi li nagħlqu s-sena finanzjarja 2021. Min-naħa tagħna tlabna estensjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li s-sena finanzjarja ma tistax tingħalaq mad-*deadline* mitluba min-naħa tagħhom. Spjegat ukoll li bħala amministrazzjoni ma kienx hemm background ta' tenders, għaldaqstant ser ikunu qed naraw kif din il-problema tkun tista' tiġi solvuta.

40.4.02 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-quaterly report sa' Marzu 2021 u sa Ġunju 2021.

40.4.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

40.4.04 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaha fl-approvazzjoni.

40.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.5 E-scooters fuq il-promenade**

40.5.01 Iċ-Ċermen spjega li kien hemm bye-law dwar sewqan fuq il-promenade fl-2011. Iżda din qatt ma ġiet implimentata. Ġie deċiż li ser tintbagħat kopja ta' din il-bye-law lill-Kunsilliera sabiex jagħtu ssuġġerimenti.

**40.6 Talbiet żgħar;**

Iċ-Ċermen issuġġerixa li important li meta jkun hemm korrispondenza sabiex tiġi mressqa għal-laqgħa tal-Kunsill din għandha tintbagħat minn ta' l-inqas ġimgħa qabel sabiex inkunu nistgħu nżommu ma' l-Aġenda. Dak kollu li nirċievu wara din id-data jitella mal-laqgħa li jmiss dment li ma jkunx hemm affarijiet ta' urġenza.

**40.6.01 Skema SPI.SCI.1.2022 – Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f' Malta u Għawdex (Inc. 27075/22)**

40.6.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal-ġnien li hemm ħdejn Ġnien Saver Zarb fi Triq Birkirkara. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-iskema. Il-Kunsill qabel ukoll li parti mill-finanzjament ta' din l-iskema ser ikun qiegħed jiffinanzja parti mill-proġett.

**40.6.02 Ċirk AKL 2022/010 European Capitals of Inclusion and Diversity Award (Inc. 27144/22);**

40.6.02.01 Din il-korrispondenza inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**40.6.03 Korrispondenza dwar B'Kara Hill (Inc. 27201/22);**

40.6.03.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**40.6.04 Permission for Security Guard Box (Inc. 27636/22, 27593/22, 27609/22 & 27610/22);**

40.6.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' magħhom sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**40.6.05 Korrispondenza dwar Amministrazzjoni ta' Propjeta' Pubblika – Ta' Giorni Land, San Ġiljan.**

40.6.05.01 Wara diskussjoni qasira gie deciz li l-Kunsill qabel ma' dan il-proġett u mal-finanzjament li hemm propost għalih.

**40.6.06 Sejħa għal post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv**

40.6.06.01 Il-Kunsill ġie nfurmat kif ser tkun qed tinħareġ is-sejħa għal-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ma din is-sejħa. Dawn ser ikunu qed jingħataw deadline sal-21 ta' Marzu 2022 sa 12.00p.m. Ser ikunu qed jinġabu l-avviżi fil-gazzetti.

**40.6.07 Korrispondenza rigward il-'*Beverage Container Refund Scheme*' (Inc. 27830/22)**

40.6.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikunu qed nibagħtu email lill-Kunsilliera sabiex jissuġġerixxu postijiet fejn dawn qed jiġu proposti li jsiru. Wara ser tkun qed tintbagħat ir-risposta lir-Reġjun Lvant.

**40.6.08 Email dwar Programm t'attivitajiet ghall-Anzjani (Inc. 27510/22)**

40.6.08.01 Dan il-programm ser ikun qiegħed jittela' fuq il-paġna ta' Facebook.

**40.6.09 Email mingħand is-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu Balluta dwar il-Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa (Inc. 27981/22)**

40.6.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan il-programm jittela' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

40.6.10 **Korrispondenza dwar Skema SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta' Proġett Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' (Inc. 27980/22)**

40.6.10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li din kienet saret talba sabiex jinxtara vann u min-naħa tal-board irċievejna sabiex nagħmlu xi kjarifiki. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma dawn il-kjarifiki u ser inkunu qed nibagħtu d-dokumenti kollha kif mitlub.

**40.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

40.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5612 sa 5658. (Ara Appendiċi 'A')

40.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**40.8 Skeda tal-Pagamenti**

40.8.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

40.8.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

40.8.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**40.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

40.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Erbgħa 24 ta' April 2022 fl-4.30p.m.

40.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

## Iffirmati

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 27 ta' April 2022